



Brussell, 23 ta' April 2020
(OR. en)

6876/1/20
REV 1

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0031(NLE)**

TRANS 122

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
Nru dok. Cion:	6347/20 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni waqt is-56 sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għall-Ġarr Internazzjonali bil-Ferrovija fir-rigward ta' ċerti emendi għall-Appendiċi C għall-Konvenzjoni dwar il-Ġarr Internazzjonali bil-ferrovija – Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-26 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni waqt is-56 sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għall-Ġarr Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF).
2. Oriġinarjament l-esperti ppjanaw li jiltaqgħu f'Berne, l-Iżvizzera, fis-27 ta' Mejju 2020. Madankollu, l-OTIF ser tissostitwixxi l-laqgħa b'votazzjoni bil-miktub sabiex l-emendi jkunu jistgħu jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021, biex tinżamm koerenza legali għat-trasport ta' oġġetti perikolużi fit-trasport ferrovjarju.
3. L-Unjoni aderixxiet mal-*Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija* (COTIF) fl-2011 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE tas-16 ta' Ġunju 2011.

II. ĦIDMA FIL-KORP PREPARATORJU

4. Fil-laqgħa tiegħu fis-27 ta' Frar 2020, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art eżamina u approva l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni.

III. KONKLUŻJONIJIET

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument 6438/20, rivedut mill-ġuristi-lingwisti, u t-tabella relatata tal-emendi fid-dokument 7049/20, u
 - jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/430, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tiegħu.
6. Ladarba d-Deċiżjoni tal-Kunsill tiġi adottata, il-Parlament Ewropew jiġi infurmat dwarha.
